

Brussell, 12 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15380/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0408(NLE)

TRANS 634
COWEB 176

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 14965/18 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieġed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport rigward ċerti materji baġitarji b'rabta mal-implimentazzjoni tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport – <i>Adozzjoni</i>

1. Fit-3 ta' Diċembru 2018 il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-teħid ta' pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport UE-Balkani tal-Punent rigward ċerti materji baġitarji u tal-persunal.
2. L-adozzjoni tal-baġit annwali għall-2019 fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali hi meħtieġa biex jiġi stabbilit is-segretarjat permanenti tal-Komunità tat-Trasport, u tippermetti li ssir il-ħidma prevista, fost oħrajn fil-qasam tas-sikurezza tat-toroq, l-adattament għall-*acquis* tal-Unjoni, kif ukoll il-konnettività tat-trasport transkonfinali u l-integrazzjoni mal-kuritur Ewropej tat-TEN-T, f'konformità mad-Dikjarazzjoni tas-Summit ta' Sofija bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent tas-17 ta' Mejju 2018. Il-Kummissjoni tipproponi ammont totali ta' madwar EUR 1,63 miljun.¹ Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għal dan il-baġit tammonta għal 80 fil-mija.

¹ Li minnhom EUR 750.000 + 200.000 huma previsti għas-salarji u l-kontribuzzjonijiet soċjali, EUR 330.000 għall-kost operazzjonali tas-Segretarjat, u 100.000 kull wieħed għall-ispejjeż ta' reklutaġġ ta' persunal ewlieni u għat-tagħmir tal-IT; 150.000 jkunu allokat għal riżerva.

3. Fid-dawl tal-limitazzjonijiet ta' żmien, il-Previdenza ssuġġeriet li jitħaffef l-eżami tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għas-sena 2019,² u l-parti tal-proposta dwar materji ta' persunal titħalla biex tiġi diskussa fi stadju aktar tard.
4. Il-grupp ta' ħidma dwar it-trasport tal-art eżamina l-proposta msemmija hawn fuq fis-7 ta' Diċembru 2018. Filwaqt li d-delegazzjonijiet qablu li l-eżami tal-baġit jitħaffef, intalab aktar taġrif dwar il-kalkolu tiegħu. Id-delegazzjonijiet FR u UK daħħlu riżervi ta' skrutinju parlamentari. Waqt laqgħa tal-attachés fit-12 ta' Diċembru 2018, sar eżami aktar dettaljat, li rriżulta fi qbil ġenerali mal-proposta. Il-Previdenza stiednet lill-Kummissjoni żżomm il-grupp ta' ħidma infurmat dwar l-eżekuzzjoni tal-ewwel baġit u dwar il-ħidma li ser iwettaq is-Segretarjat futur.
5. Fid-dawl ta' dan, huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jirrakkomanda li l-Kunsill, f'sessjoni li jmiss
 - jadotta d-deċiżjoni dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport rigward ċerti materji baġitarji b'rabta mal-implimentazzjoni tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità tat-Trasport, kif tinsab, wara r-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 15204/18, u
 - jagħti struzzjoni lill-korpi preparatorji biex ikomplu l-eżami tal-proposta b'rabta ma' materji oħrajn.

Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat b'din id-deċiżjoni.

² Ara l-kompromess tal-Previdenza fid-dok. 14975/18.